



Ġabra tal-ġurisprudenza

Kawża C-307/10

**Chartered Institute of Patent Attorneys
vs
Registrar of Trade Marks**

[talba għal deċiżjoni preliminari mressqa minn The Person Appointed by the Lord Chancellor under Section 76 of The Trade Marks Act 1994, on Appeal from the Registrar of Trade Marks (ir-Renju Unit)]

“Trade marks — Approssimazzjoni tal-leġislazzjonijiet tal-Istati Membri — Direttiva 2008/95/KE — Identifikazzjoni tal-prodotti jew tas-servizzi li għalihom tintalab il-protezzjoni tat-trade mark — Rekwiżiti ta’ ċarezza u ta’ preċiżjoni — Użu tal-intestaturi tal-klassijiet tal-Klassifikazzjoni ta’ Nice għall-finijiet tar-reġistrazzjoni tat-trade marks — Ammissibbiltà — Portata tal-protezzjoni mogħtija mit-trade mark”

Sommarju tas-sentenza

1. *Approssimazzjoni tal-leġislazzjonijiet — Trade marks — Direttiva 2008/95 — Identifikazzjoni tal-prodotti jew tas-servizzi kkonċernati mit-trade mark — Rekwiżiti ta’ ċarezza u ta’ preċiżjoni — Determinazzjoni, mill-awtoritajiet kompetenti u mill-operaturi ekonomiċi, tal-portata tal-protezzjoni mogħtija mit-trade mark*

(Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2008/95)

2. *Approssimazzjoni tal-leġislazzjonijiet — Trade marks — Direttiva 2008/95 — Identifikazzjoni tal-prodotti jew tas-servizzi kkonċernati mit-trade mark — Użu tal-indikazzjonijiet ġenerali tal-intestaturi tal-klassijiet tal-Klassifikazzjoni ta’ Nice — Ammissibbiltà — Kundizzjonijiet — Identifikazzjoni suffiċjentement ċara u preċiża*

(Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2008/95)

3. *Approssimazzjoni tal-leġislazzjonijiet — Trade marks — Direttiva 2008/95 — Identifikazzjoni tal-prodotti jew tas-servizzi kkonċernati mit-trade mark — Użu tal-indikazzjonijiet ġenerali tal-intestaturi tal-klassijiet tal-Klassifikazzjoni ta’ Nice — Portata tal-protezzjoni li tirriżulta minnha — Obbligu tal-applikant li jispeċifika l-prodotti jew is-servizzi koperti mill-applikazzjoni tiegħu*

(Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2008/95)

1. Id-Direttiva 2008/95, biex jiġu approssimati l-liġijiet tal-Istati Membri dwar it-trade marks, għandha tiġi interpretata fis-sens li din teżiġi li l-prodotti jew is-servizzi li għalihom tintalab il-protezzjoni permezz tat-trade mark jiġu identifikati mill-applikant b’ċarezza u bi preċiżjoni biżżejjed sabiex l-awtoritajiet kompetenti u l-operaturi ekonomiċi jkunu jistgħu, fuq din il-bażi biss, jiddeterminaw il-portata tal-protezzjoni mogħtija mit-trade mark.

Ir-reġistrazzjoni tat-trade mark f'reġistru pubbliku għandha l-għan li tagħmilha aċċessibbli għall-awtoritajiet kompetenti u għall-pubbliku, b'mod partikolari, għall-operaturi ekonomiċi.

Minn naħa, l-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu jafu b'ċarezza u bi preċiżjoni biżżejjed il-prodotti jew is-servizzi koperti minn trade mark sabiex ikunu f'pożizzjoni li jissodisfaw l-obbligi tagħhom fir-rigward tal-eżami preliminari tal-applikazzjonijiet għal reġistrazzjoni kif ukoll fir-rigward tal-pubblikazzjoni u taż-żamma ta' reġistru xieraq u preċiż tat-trade marks.

Min-naħa l-oħra, l-operaturi ekonomiċi għandhom ikunu jistgħu jiżguraw irwieħhom, b'ċarezza u preċiżjoni, mir-reġistrazzjonijiet magħmula jew mill-applikazzjonijiet għal reġistrazzjoni ppreżentati mill-kompetituri attwali u potenzjali tagħhom u b'hekk li jibbenefikaw minn informazzjoni rilevanti li tikkonċerna d-drittijiet ta' terzi persuni.

(ara l-punti 46-49, 64 u d-dispożittiv)

2. Id-Direttiva 2008/95, biex jiġu approssimati l-liġijiet tal-Istati Membri dwar it-trade marks, għandha tiġi interpretata fis-sens li din ma tipprekludix l-użu tal-indikazzjonijiet ġenerali tal-intestaturi ta' klassijiet tal-klassifikazzjoni stabbilita fl-Artikolu 1 tal-Ftehim ta' Nice dwar il-Klassifikazzjoni internazzjonali tal-prodotti u servizzi għall-finijiet tar-reġistrazzjoni tat-trade marks, sabiex jiġu identifikati l-prodotti u s-servizzi li għalihom tintalab il-protezzjoni permezz tat-trade mark sakemm tali identifikazzjoni tkun ċara u preċiża biżżejjed.

Huma l-awtoritajiet kompetenti li għandhom jagħmlu evalwazzjoni każ b'każ, skont il-prodotti jew is-servizzi li għalihom l-applikant jitlob il-protezzjoni mogħtija mit-trade mark, sabiex jiddeterminaw jekk dawn l-indikazzjonijiet jissodisfawx ir-rekwiżiti ta' ċarezza u ta' preċiżjoni meħtieġa.

(ara l-punti 55, 56, 64 u d-dispożittiv)

3. L-applikant għal trade mark nazzjonali li juża l-indikazzjonijiet ġenerali kollha tal-intestatura ta' klassi partikolari tal-klassifikazzjoni stabbilita fl-Artikolu 1 tal-Ftehim ta' Nice dwar il-Klassifikazzjoni internazzjonali tal-prodotti u servizzi għall-finijiet tar-reġistrazzjoni tat-trade marks sabiex jidentifika l-prodotti jew is-servizzi li għalihom tintalab il-protezzjoni tat-trade mark għandu jispeċifika jekk l-applikazzjoni tiegħu tirrigwardax il-prodotti jew is-servizzi kollha elenkati fil-lista alfabetika ta' din il-klassi jew biss lil xi wħud minn dawn il-prodotti jew servizzi. Fil-każ fejn l-applikazzjoni tkun tirrigwarda biss lil xi wħud mill-prodotti jew servizzi msemmija, l-applikant ikun marbut li jispeċifika liema prodotti jew servizzi li jiffurmaw parti mill-klassi msemmija huma koperti.

Applikazzjoni għal reġistrazzjoni li ma tippermettix li jiġi stabbilit jekk, bl-użu tal-intestatura ta' klassi partikolari tal-Klassifikazzjoni ta' Nice, l-applikant jirreferix għall-prodotti kollha f'din il-klassi jew għal parti minnhom biss, ma tistax titqies bħala ċara u preċiża biżżejjed.

(ara l-punti 61, 62, 64 u d-dispożittiv)